MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 279/2007

**Gold Circle Developments Limited (C4185)**

**vs**

**1. Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**
**2. Korporazzjoni EneMalta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-Perit Joseph Sultana (ID 610751 (M) ghan-nom ta’ Gold Circle Developments Limited tat-12 ta’ Marzu 2007, li jaqra hekk:

*“Illi s-socjeta’ attrici hija propjetarja tal-fond mibni fuq plot 19, Triq il-Kunvent, Haz-Zabbar*

*Illi l-fond in kwistjoni kien inghata b’titolu ta’ enfitewsi perpetwa lil certu Alphonse Camilleri b’att tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa ta’ 1-24 ta’ Settembru 1987 li gie rexxiss permezz ta’ kuntratt iehor tas-16 ta’ Gunju 1990 fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb (Ara.* ***Dok. A****);*

*Illi sussegwentement 1-istess fond gie mikri lil Joe u Catherine Caruana bhala mini market fl-1999, u fis- 16 ta' Marzu 2005 din il-kirja giet terminata;*

*Illi kemm dan il-fond dam f'idejn terzi, kemm jekk kienu utilisti jew kerrejja, il-konsum ta' dawl u ilma qatt ma kien registrat f'isem is-socjeta' attrici u di fatti tali servizz lanqas gie introdott minnha;*

*Illi f' xi zmien is-socjeta' attrici saret taf li fuq dan il-fond kien hemm arretrati ta' dawl u ilma dovuti lill-konvenuti jew min minnhom fl-ammont ta' sitt'elef sitt mija u tletin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm6,630.35) u li b'konsegwenza ta' dan, is-servizz tad-dawl u l-ilma gie sospiz;*

*Illi s-socjeta' attrici attirat 1-attenzjoni tal-Korporazzjoni EneMalta u sahansitra permezz ta' ittra datata 28 t'Awwissu 2006 issenjalat 1-ilmenti taghha u sahansitra informatha bid-danni li b'konsegwenza ta' dan sofriet, fost ohrajn dwar il-possibilita' li tikri l-fond in kwestjoni lil terzi, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;*

*Illi kien biss wara certu zmien u b'konsegwenza ta' diversi protesti li ghamlet is-socjeta' attrici, li s-servizz inghata mill-gdid, u kull arretrati ta' dawl u ilma thallsu, jew qeghdin jithallsu minn terzi li precedentement kienu jokkupaw il- fond in kwestjoni;*

*Illi ghalhekk is-socjeta' attrici sofriet id-danni, ghal liema danni ghandhom iwiegbu 1-konvenuti jew min minnhom, u dan konsegwenza tal-fatt illi hadu decizjonijiet ghal kollox irragjonevoli da parti taghhom u/jew mhux sanciti minn ebda ligi, u/jew b'mod ghal kollox illegali jew abbuziv.*

*Illi l-korporazzjonijiet fuq imsemmija gew debitament inutilment interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta' Frar 2007 (ara* ***Dok. B****) sabiex jersqu ghad-danni b'konsegwenza ta' dan kollu.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, is-socjeta' attrici qieghda bil-qima titlob lil dina 1-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni opportuna ta' responsabbilta' da parti tal-korporazzjonijiet konvenuti, jew min minnhom:*

*1. Tiddikjara lill-istess korporazzjonijiet konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici,*

*2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mis-socjeta' attrici okkorrendo b'opera ta' periti nominandi.*

*3. Tikkundanna lill-istess korporazzjonijiet konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta' attrici kull somma hekk likwidata, bl-imghaxijiet fuq l-istess somma likwidata mill-prezenti sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez u bil-korporazzjonijiet konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni"*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta tad-9 ta' Lulju 2007 (a fol 42), li taqra hekk:

*1. "Illi preliminarjament u bid-dovut rispett lejn Din L-Onorabbli Qorti, din l-vertenza hija l-kompetenza tat-Tribunal ta' l-Arbitragg ai termini tal-partita 1.3 tar-Raba' Skeda ta' l-Att dwar l-Arbitragg, Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistabilixxi illi t-Tribunal ta' l-Arbitragg ikollu gurisdizzjoni esklusiva fuq kull tilwima li jkollha x'taqsam mal-provista ta' l-energija elettrika, kera ta' meter ta' l-elettriku jew kull servizz provdut mill-Korporazzjonijiet Enemalta;*

*2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Korporazzjoni tissottometti umilment illi hija mxiet korrettament u ai temrini tal-ligi kif jista' jigi pruvat;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Korporazzjoni Enemalta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba attrici bhala infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt bl-ispejjez kontra l-attur;*

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma tat-18 ta' Lulju 2007 (a fol 45) li taqra hekk :

*1. Illi ai termini tad-disposizzjonijiet tar-regolament 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ta' l-Arbitragg ghandu gurisdizzjoni esklussiva jitratta tilwimiet marbuta mas-servizzi ta' l-elettriku u ta' l-ilma;*

*2. Illi ghaldaqstant u bid-dovut rispett lejn din l-Onorabbli Qorti, din il-Qorti ma ghandhiex guristizzjoni tisma' din il-vertenza;*

*3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni tissottometti umilment illi hija mxiet korrettament u ai termini tal-ligi kif jista jigi ppruvat;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba attrici bhala nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici."*

Rat in-nomina tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli tal-4 ta' Lulju 2007, li sussegwentement giet sostitwita bl-Assitent Gudizzjarju Dr.Gillan Portelli u finalment gie sostitwit Dr. Michael Camilleri permezz ta' digriet tal-4 t'Ottubru 2010;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici tal-20 ta' Settembru 2012;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta tat-12 ta’ Ottubru 2012;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma tal-21 ta’ Jannar 2013;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal-rizarciment tad-danni mill-Korporazzjonijiet intimati in konsegwenza ta’ allegat rifjut ta’ghoti tas-servizzi minhabba kontijiet pendenti minn terzi fuq il-proprjeta’ tas-socjeta’ rikorrenti.

Illi jirrizulta mill-affidavit ta’ Joe Sultana Dok. GCD1 a fol. 10 et. seq., illi hu kien Direttur tas-socjeta’ rikorrenti, liema socjeta’ trasferit il-proprjeta’ (hanut “*shell form*” u minghajr servizzi) , b’titolu ta’ enfitewsi perpetwa lill-Alphonse u Nathalie Camilleri u dan fil-24 ta’ Settembru 1987 (atti Nutar Clyde La Rosa). Minhabba problemi finanzjarji, l-konjugi Camilleri naqsu li jhallsu l-hlas dovut u l-konjugi Camilleri itterminaw il-koncessjoni enfitewtika pero zammu l-obbligazzjoni illi jhallsu l-pendenzi dovuti lill-Korporazzjonijiet Enemalta u dik tas-Servizzi tal-Ilma u dan permezz ta’ kuntratt (ezebit bhala Dok. A, a fol. 17) datat 16 ta Gunju 1999 quddiem in-Nutar Charles Vella Zarb.

Is-socjeta’ rikorrenti kriet il-fond rilevanti lill-konjugi Joe u Catherine Caruana, permezz ta’ *lease agreement* datat 18 ta’ Gunju 1999 fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb – vide Dok. B, a fol. 19, fejn skond klawsola 6, il-konjugi Caruana kienu responsabbli ghal-konessjoni t’ ilma u luce elettrika u *telephones* mid-data tal-kuntratt ‘l quddiem. Illi madanakollu s-servizzi mil-Korporazzjonijiet intimati qatt ma nqallbu ghal fuq il-konjugi Caruana u baqghu f’isem Carmel Galea, hu il-mara ta’ Alphonse Camilleri.

Joe Caruana fis-sena 2004 , ghalaq il-hanut ghaliex irtira, pprova isib inkwilin alternattiv, pero' ma rnexxielux. Wara xhur bil-hanut maghluq u precizament fis-16 ta' Marzu 2005, Caruana ittermina il-*lease agreement* li kellu mas-socjeta' rikorrenti.

Id-Direttur Joe Sultana xhed illi kien biss wara t-terminazzjoni ta' din il-kirja illi sar jaf illi il-hanut kien inghalaq ghaliex il-Korporazzjonijet Enemalta u dik ghas-Servizz tal-Ilma kienu issospendew il-provvista tad-dawl u l-ilma.

Illi d-Direttur Joe Sultana gie avvicinat minn AON Malta Limited li xtaqu jikru l-fond bhala mahzen u bdew in-negozjati bejn iz-zewg kumpanijji. Permezz ta' Dok. C – vide fol 21, ittra datata 14 ta' Marzu 2005, AON Malta Limited kienet accettat illi tiehu l-kirja tal-fond inkwistjoni, b'kera ta tnax –il lira Maltin (Lm12) kuljum . Izda meta d-Direttur Joe Sultana nduna bis-sospenzjoni tas-servizzi huwa avvicina lill-Korporazzjonijiet indikati, ghaddielhom kopja tal-kuntratti u l-*agreements*, kif ukoll d-dettalji kollha tal-konsumaturi precedenti, u cioe' il-konjugi Alphonse u Nathalie Camilleri u Joe u Catherine Caruana, bil-ghan li jintlahaq ftehim b'pagamenti kull xahar .

***"B'dana kollu, jiena gejt infumat verbalment mill-ufficjali tal-W.S.C. li qabel ma jithallas il-kont li hemm, il-post ser jibqa' bla dawl u ilma u ma jimputahomx jekk Gold Circle Development Limited ghandhiex x'taqsam jew le."-*** vide affidavit fol 14.

Illi konsegwentement AON Malta Limited iddikjaraw li ma setghux jistennew iktar u ghalhekkk il-kumpanijja tilfet is-somma ta' tnax il-liri Maltin (LM 12) kuljum minhabba tal-agir tal-Korporazzjonijiet intimati. Nelfrattemp, l-ufficjali tal-Korporazzjonijiet intimati kienu qed jiltaqghu mal-konjugi Caruana u Camilleri bit-tama li jsir il-hlas bin-nifs. Madanakollu l-Korporazzjonijiet intimati baqghu jirrifjutaw illi jissuplixxu l-fond tas-socjeta' rikorrenti bid-dawl u ilma.

Gie ezebit prospett ta’ danni sofferti mis-socjeta’ rikorrenti, Dok.E a fol 24 fl-ammont ta’ tmint elef, erba’ mija wihed u erbghin liri Maltin u hamsa u disghin centezmi (Lm 8441.95).

Gie ezebit Dok. F a fol 25 – kuntratt ta’ trasferiment bejn is-socjeta’ rikorrenti u Alphonse Camilleri u martu.
Giet ezebita kopja tal-licenzja tal-hanut in kwistjoni, li qedgha fuq isem Nathalie Galea – Dok G a fol 28 sa 30.

Gie ezebit kont tad-dawl u ilma f’isem Carmel Galea, hu il-mara ta’ Alphonse Camilleri, Nathalie immarkat Dok. H a fol 31.

Gie ezebit mis-socjeta’ attrici prospett aggornat vide Dok.JS1 a fol 54.

In kontro-ezami Joseph Sultana ikkonferma illi fis-16 ta’ Marzu 2005 is-socjeta’ saret taf li is-servizzi gew maqtugha, u dawn is-servizzi regghu gew ikkonnettjati fit-3 ta’ Novembru 2006, ghaldaqstant l-imghax gie kalkolat bi 8% fuq dan il-perjodu.

Illi mix-xhieda ta’ Joseph Cutajar – ara xhieda a fol 69 et. seq. jirrizulta illi fiz-zmien rilevanti huwa kien id-Direttur ta’AON Malta Limited, u ikkonferma li xtaq jikri il-hanut minghand is-socjeta’ attrici u ezebixxa Dok. JC1 u JC2 in sostenn ta’ dan. Illi il-partijiet ma wasslux ghal-ftehim finali ghaliex, kien hemm xi pendenzi fuq is-servizzi tad-dawl u l-ilma liema servizzi kienu maqtugha minhabba xi arretrati. Il-kuntratt finali ma sehhx minhabba precizament il-problema ta’ nuqqas ta’ sevizzi ta’ ilma u dawl. Joseph Cutajar ikkonferma li ir-rata tal-kera tal-post inkwistjoni kienet mifthema bejn il-partijiet ghal tnax-il lira Maltin (Lm 12) liema rata kienet rivedibbli.

In kontro-ezamiCutajar xhed li huwa qatt ma kien ikkomunika mal-Korporazzjoni Enemalta ghaliex il-post ma sar tieghu u ebda kuntratt ma kien gie iffirmat.

Alphonse Camilleri a fol 71 et. seq. ikkonferma illi huwa kera post minghand il-Perit Joseph Sultana tal-fond in

kwistjoni u sostna illi dan il-kuntratt gie terminat – vide Dok. A. Ikkonferma illi huwa kien applika ghad-dawl u ilma u wara xi zmien dawn is-servizzi kienu nqalbu fuq isem Carmel Galea li kien jigi hu il-mara tal-inkwilin l-iehor. Alphonse Camilleri xhed li huwa kien juza dan il-fond bhala *self service* jew *mini market*.

Joseph Caruana ikkonferma illi huwa u martu Catherine kienu krew hanut (*supermarket)* f'Convent Street Zabbar mis-19 ta' Gunju 1999 sas-16 ta' Marzu 2005, minghand il-Perit Joseph Sultana.

Caruana xhed illi l-kontijiet wara xi zmien bdew jigu f'isem Carmel Galea u hu beda jhallashom. Caruana xhed li hadd ma infurmah li kien hemm xi problema dwar il-kontijiet tal-ilma u dawl. Caruana xhed li ghalaq il-hanut fil-31 ta' Dicembru 2003 u kien hemm kontijiet pendenti tad-dawl u ilma ta' sitt elef liri Maltin (Lm6,000) vide Dok. H. Joseph Caruana spjega li sentejn wara illi kienu ghalqu il-post, lahhqu arrangament biex il-kont jithallas bin-nifs. Dan il-ftehim intlahaq ma Michael Debono, li jahdem mad-Dipartiment tal-*credit control* tal-Waterservices.

Il-Perit Joseph Sultana ippreciza li Carmel Galea kien deher ghan-nom ta'Alphonse Camilleri fuq il-kuntratt ta'cens, u li Galea kien ir-*registered consumer*.

Catherine Caruana a fol 85, ikkonfermat ix-xhieda ta' zewgha , cioe' il-kirja tal-hanut minn Gunju 1999 sa Marzu 2005, u li kontijiet tas-servizzi ma kienux jigu f'isem zewgha, pero' zewgha xorta kien ihallas il-kontijiet. Hi ikkonfermat li kienet baghtet ittra lill-Enemalta u tat ir-*reading* tal-*units* fl-24 t'Ottubru 2004, u li saru diversi laqghat. Finalment sar il-ftehim bejnhom u l-Korporazzjonijiet f'Novembru tas-sena 2006. Hija xhedet a fol 86 illi huma hallew il-hanut f'Marzu 2005, allavolja kienu ghalquh qabel.

John Saliba, Kap tal-*credit control* tal-Korporazzjoni Enemalta, a fol 89, xhed li *S&M Minimarket* kien registrat fuq Carmel Galea, illi huma kellhom diversi kontijiet

pendenti u ghamlu snin jippruvaw jaqtghu dan is-servizz, u finalment iddecidew li jaqtghuh. Sussegwentement tkellmu ma Joseph Sultana in segwitu tal-ittra tieghu Dok. JS1 a fol 91. Qabel din l-ittra Joseph Caruana kien informa lill-istess Korporazzjoni li kien lest ihallas il-parti tal-arretrati illi kienu tieghu. Saliba xhed li kien hemm diffikultajiet sabiex jintlahaq ftehim ghaliex il-proposti ghal-hlas ma kienux accetabbli ghal-Korporazzjoni, u l-fond kien biddel l-idejn xi tlett darbiet minghajr notifika ta’ dan lill-Korporazzjoni. Saliba xhed illi skond l-istess *request* ta’ Joseph Sultana, il-Korporazzjoni ma qalbitx is-servizz qabel ma jihallsu il-kontijet. Ippreciza illi Joseph Sultana qatt ma kien registrat bhala konsumatur mal-Korporazzjoni, ghaliex ir-*registered consumer*, kien Carmel Galea. **Ghalkemm Joseph Sultana talab illi jerga’ jinghata s-servizzi, huwa qatt ma offra li jassumi r-responsabbilita’ ghal hlas tal-arretrati.**

Stephania Catania, skrivana mal-Korporazzjoni Servizzi tal-Ilma, ezebit Dok SC1, a fol 98 cioe’ lista ta’ dati illi fihom hija kellmet lill-Perit Sultana jew lill-konjugi Caruana. Hija xhedet illi f’Dicembru 2006, jirrizultaw li kien hemm *reconnection charges*, li l-Perit Sultana hallas sitta u sebghin liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm76.59) pero ma setghetx tghid jekk dawn kienux ghall-arretrati jew ghall-servizz gdid. Hija konfermat illi l-Perit Sultana ma kienx konsumatur registrat sa dak iz-zmien.

Permezz ta’nota, tas-16 ta’ Dicembru 2008, l-Korporazzjoni Enemalta ezebit Dok.SC2 u SC3 a fol 100 u 101.

Joseph Caruana a fol 107, ezebixxa zewg ittri CZ1 u CZ2, a fol 104 u 105 u ikkonferma li dawn gew mibghuta minnu.

Michael Debono a fol 108, *Senior Administrator*, *credit control*, mal-Water Services Corporation, xhed illi l-involviment tieghu beda mit-18 t’Ottubru 2006 ‘l quddiem . Huwa ikkonferma li Carmel Galea hallas is-somma ta’ sitt mija hamsa u sittin liri Maltin u disgha u sebghin centezmi (Lm665.79) fit-18 t’Ottubru 2006. Huwa sostna li Perit Sultana, minghajr ftehim bil-miktub, kien accetta li jhallas

sitta u sebghin liri Maltin u disgha u hamsin centezmi (Lm 76.59) liema hlas sar fis-19 t'Ottubru 2006. Michael Debono ikkonferma Dok. JS1. Huwa xhed illi ghar-rigward ta' Joseph u Catherine Caruana il-bilanc dovut fuq il-*mini market* kienet tammonta ghas-somma ta' sitt elef, tlett mija sitta u sittin liri Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm6366.82). Dan l-ammont gie trasferit fuq il-kont tad-dar taghhom, fis-27 t'Ottubru 2006. F'dik id-data Debono ta' istruzzjonijiet sabiex l-Enemalta terga' taghti s-servizz fuq il-fond inkwistjoni, ghaliex il-bilanc fuq il-kont kien *nil.* Jidher illi is-servizz inghata fit-3 ta' Novembru 2006. Muri Dok SC2, Debono ikkonferma li l-kliem "*paid by Carmel Galea* ", u "*paid by Perit Sultana* ", kienu kitba tieghu.

Rat in-nota tal-Korporazzjoni Enemalta tat-8 ta' Marzu 2010, bid-Dok. MD1 u MD2 a fol 111.

Michael Debono in kontro-ezami a fol 118, xhed fil-konfront ta' Dok. MD1, illi servizz rega gie moghti lis-socjeta' rikorrenti in segwitu tal-hlas mill-Perit Sultana, minn Carmel Galea u l-ftehim tal-koppja Caruana. Ikkonferma illi l-kitba fuq Dok.MD1 kienet tieghu. A fol 119, ix-xhud ikkonferma li is-somma ta'sitta u sebghin liri Maltin u disgha u hamsin centezmi (Lm 76.59), imhallsa mill-Perit Sultana, kienu t'arretrati fuq il-kont l-antik, u mhux ghal-konsum ghaliex dak iz-zmien l-elettriku ma kienx ghadu suplit.

In kontro-ezami Joseph Sultana ikkonferma li l-ewwel trasferiment tal-fond kien meta il-bini kien ghadu gebel u saqaf u li kien ic-censwalista li applika ghas-servizzi. Dawn is-servizzi kienu fuq il-koppja Camilleri li applika ghalihom Carmel Galea u sussegwentement fuq Joe u Catherine Caruana. Sultana ikkonferma li huwa qatt ma ivverifika jekk il-konjugi Camilleri u konjugi Caruana kienux irregolarizzaw il-pozizzjoni taghhom mal-Korporazzjonijiet intimati. Joe Sultana ikkonferma li huwa prova jikseb informazzjoni minghand Joseph Caruana.

In kontro-ezami John Saliba, ikkonferma li Joseph Sultana qatt ma kien responsabbli ghall-arretrati, ara a fol 124, ghaliex ir-*registered consumer* kien Carmel Galea. Saliba

kien kiteb lill-konjugi Caruana li accettaw l-arretrati ta' sitt elef erba' mija tlieta u erbghin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmi (Lm 6443.41), fit-12 t'Ottubru 2006 ara Dok. SZ1. Ikkonferma li huwa kien kellem lil Perit Sultana u talab sabiex jigi suplit bis-servizzi, izda huma ma setghux ghaliex kien ghadu ma sehhx il-ftehim fuq il-hlas tal-arretrati. A fol 125, Saliba ma setghax jghid x'kien jirraprezenta l-ammont ta' sitta u sebghin liri Maltin u disgha u hamsin centezmi (Lm 76.59) imhallas minn Sultana. B'referenza ghad-Dok. JS11, John Saliba ikkonferma li sa dak iz-zmien huma kienu qed izommu responsabbli ghal kont in kwistjoni, persuna ohra u mhux il-Perit Sultana – vide fol 127.

Saliba ikkonferma li: ***"inzid nghid li hija il-policy tal-Enemalta li ma tirriprestinax l-elettriku jekk ma jkunx hemm il-hlas tad-dejn pendenti jew ftehim mal-Enemalta kif ser jithallas dan id-dejn."*** – a fol 128.

Muri Dok. JS13 Saliba ma setghax jiftakar li ittratta ma Caruana personalment. Saliba xhed illi huwa ma kienx involut fil-laqghat li setgha kellhom il-konjugi Caruana ma Stephania Catania u Michael Debono.

In kontro-ezami Joseph Sultana ma setghax jiftakar jekk is-servizz tal-ilma kienx sospiz. Sultana ikkonferma li *registered consumer* fuq il-fond baqa' dejjem fuq Carmel Galea, sakemm dar fuq ismu (cioe' Joseph Sultana), sitt mitt (600) gurnata wara is-sospenzjoni. Sultana ikkonferma li l-konjugi Caruana damu ma hallsu, allavolja kienu disposti li jaghmlu dan mal-ewwel.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti sejra biex tezamina l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fis-sens li ai termini tar-Regolament 1.3 tar-Raba Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qrati Ordinarji ma kellhomx gurisdizzjoni jiehdu konjizzjoni tal-kaz in ezami ghaliex tali gurisdizzjoni kienet taspetta lit-Tribunal tal-Arbitragg li kien assenjat il-gurisdizzjoni

esklussiva fuq kull tilwima marbuta mas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma.

Is-socjeta' attrici tirribatti din l-eccezzjoni u ssostni illi fejn il-kwistjoni si tratta ta' danni, huma l-Qrati ordinarji illi ghandhom il-gurisdizzjoni. In oltre iccitaw is-sentenza fl-ismijiet: **"Elmo Insurance Limited vs Korporazzjoni Servizzi tal-Ilma"** tal-**30 t'Ottubru 2007** per **Magistrat** illum **Mhallef Dr. Silvio Meli**.

**Ikkonsidrat :**

Din il-Qorti rat u ezaminat ir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 u precizament l-Artikolu 1.3 li jitfa' dawl fuq l-iskop ewlieni ta' din l-Iskeda. Dan is-subartikolu jindika bi precizjoni liema kienu it-tilwimiet specifici illi ***"ghandhom il-forum gurisdizzjonali taghhom statutorjament predeterminat minn dan il-Kap."***( Ibid )

Il-ligi kjarament tiddikjara li t-tilwimiet specifikati fl-Artikolu 1.3 tar-Raba' Skeda, Kapitolu 387 ghandhom jigu indirizzati ghall-forum tal-Arbitragg mandatarju. Dawn huma s-segwenti :

i. dawk li ghandhom ***"x'jaqsmu mal-provvista ta' l-energija elettrika";***
ii. dawk li ghandhom x'jaqsmu mal-"***kera ta' "meter" ta' l-elettriku";***
iii. dawk li ghandhom x'jaqsmu ma' ***"kull servizz provdut mill-Korporazzjoni Enemalta";***
iv. dawk li ghandhom x'jaqsmu ma'" ***kull tilwima marbuta mas-servizz ta' l-ilma";"***

Illi s-sentenza citata mis-socjeta' attrici aktar l' fuq, trattatt danni subiti minn dik is-socjeta' attrici**, in segwitu ta' perkolar ta' ilma (minhabba negligenza da parti ta'impjegati tal-Korporazzjoni), fil-proprjeta' tas-socjeta' attrici.** **L-** Imhallef Silvio Meli (dak iz-zmien Magistrat) irritiena:

***"Illi t-talba principali sottomessa mis-socjeta' attrici pero' hi limitata ghal danni civili kkagunati minn***

***impjegati tal-korporazzjoni konvenuta fejn l-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni interpretattiva ma qatt jista' jwassalha biex tkun inkwadrata f'vertenza relattiva ghall-oghti ta' xi tip ta' servizz jew xi tilwima naxxenti mill-oghti ta' l-istess servizz kif espressament indikat fl-imsemmija Skeda;***

***Ghaldaqstant din il-qorti tqis li l-eccezzjoni kif indikata mill-Korporazzjoni konvenuta, jew ahjar risposta ulterjuri, kienet biss manuvra dilatorja priva minn kull logika u sosten interpretattiv;***

***Illi anke bl-operazzjoni ta' interpretazzjoni lingwistika logika u semplici ma kellu jkun hemm l-ebda diffikulta' biex l-istess Korporazzjoni konvenuta tasal ghal konkluzjoni retta li l-kaz odjern qatt ma' jista' jkun postulat bhala arbitragg mandatorju stante li hu naxxenti minn negligenza operattiva u mhux minn xi servizz li seta' gie moghti lis-socjeta' attrici minn dik konvenuta;"***

**Ikkonsidrat:**

It-tilwima li ghandha quddiemha din il-Qorti hija precizament tilwima dwar il- "provvista tal-energija elettrika", lil Joseph Sultana ghas-socjeta' rikorrenti, u tikkoncerna s-servizz provdut miz-zewg Korporazzjonijiet intimati**. Huwa palezi li desputa fuq "nuqqas" ta' provista kjarament taqa' fl-ambitu ta' "tilwim" fuq il-provvista tal-energija elettrika.**

Di piu, d-danni allegatament sofferti mis-socjeta' rikkorenti, **jemminaw** u **jiddepenu fuq it-tilwima dwar il-provvista o meno tal-luce elettrika u ilma** miz-zewg Korporazzjonijiet intimati.

Fil-kaz in ezami l-Qorti m'ghandhiex quddiemha xi danni, in konsegwenza ta' negligenza operattiva fuq xoghol manwali tal-impjegati ta' Enemalta.

Din id-desputa bejn il-partijiet tinkwadra ruhha perfettament f'dak illi huwa mahsub f'Artikolu 1.3 tar-

Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fuq spjegat. Dan it-tilwim jinkludi fil-fehma tal-Qorti, kull tilwima illi wasslet ghal nuqqas ta' provvista tas-servizzi u tinkludi il-*policy* tal-Korporazzjonijiet dwar il-hlasijiet ta' kontijiet tal-konsumaturi registrati **precedenti**, u dana b'mod specjali in vista tal-fatt li dawn il-Korporazzjonijiet **ghandhom monopolju fil-provvista** ta' luce elettrika u ilma f'dawn il-gzejjer. Hija l-fehma ta' din il-Qorti, illi, kwalunkwe tilwima rigwardanti danni subiti bhala konsgwenza ta' nuqqas ta' provvista tas-servizzi, ghandha wkoll tigi konsidrata bhala tilwima li ghandha x'taqsam mal-provvista tal-energija elettrika u mas-servizzi tal-elettriku u ilma skond l-Artikolu 1.3 tal-Iskeda fuq indika.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjetajiet intimati, tiddikjara illi l-Qrati ordinarji m'ghandhom guridiszzjoni in materja u li tali gurisdizzjoni hija arrogata lit-Tribunal tal-Arbitragg **.**

Fic-circostanzi tal-kaz in ezami pero' l-Qorti tqis illi jkun ghaqli u gust, li l-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Diane Farrugia**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------